# IL-PUPA TAL-MILIED

Dhalt nigri gewwa il-hanut bit-tama li nixtri xi rigal fl-ahhar minuta. Kien mimli daqs bajda kulhadd jigri minn naha ghal ohra biex jara dak ir-rigal li jghogbu. Il-kju tan-nies biex ihallsu kien twil, imma ma kienx hemm x'taghmel. Trid tistenna wara min imissek. F'qalbi ghidt: "Dan il-Milied jigi biex tonfoq u tithabat"



Biex nasal ghal hdejn il-kaxxiera li kellha l-anqas nies biex ihallsu, ghaddejt mis-sezzjoni tal-pupi u hemm rajt tifel ta' xi hames snin iddwwar pupa sabiha...daqqa jmellsilha xaghra, ohra jhares lejn ghajnejha biex donnu jara x'kulur kienu. "Mhux tas-soltu," nissilt bejni u bejn ruhi. Ghamilt ta' bir-ruhi ser nixtri pupa u minn taht il-ghajn qaghadt nistudjah ghax ghelbitni l-kurzita'.

Rajtu jdur lejn mara li sejhilha zitu u qalilha: " Imma inti zgura li ma ghandix flus bizzejjed?"

Wegbitu: "Inti taf li ma ghandekx flus bizzejjed ghaliha." Il-

mara kkmandatu biex ma jiccaqlaqx minn fejn kien ghax riedet tmur sa faccata biex tixtri xi haga ohra. Kellu jistenniha hemm ghax ma kienitx ser iddum.

It-tifel kompla jdawwar il-pupa. Imqanqal minn kurzita' kbira, ersaqt lejn it-tifel u ghidlu: "Dik il-pupa ghal min hi?"

"Hija l-pupa li ohti tant xtaqet ghall-Milied. Kienet certa li Santa Klaws ser igibielha." Biex naghmillu kuragg ghidtlu li zgur li Santa Klaws ser izomm kelmtu mat-tfal u igibilhom ir-rigali fil-jum tal-Milied. Saqsejtu fejn kienet ohtu u huwa wegibni b'rasu baxxa li marret tinghaqad ma' Gesu'. "Missieri jghidli li ommi dalwaqt ser ikollha tmur hdejha."

Telghilti gholqa fi grizmejja. Qatt ma kont nistenna twegiba bhal dik ghall-mistoqsija tieghi. "Missieri qalli li ser tmur hdejha ma iddumx u jiena ghidltu biex jghidilha tistenna ftit sakemm nixtrilha din il-pupa biex tohodielha maghha."

Staqsieni jekk irridx nara ritratt ta' ohtu u jiena wrejtu li nixtieq hafna. Kien xi ritratti li hu ha ma' ohtu quddiem dan il- hanut; il-pupa kien ser jaghtiha  lil ommu biex tohodha lil ohtu meta din tmur ghand Gesu'.  "Nixtieq li ommi tibqa' mieghi izda missieri ta' spiss jghidli li hemm bzonn li tmur hdejn ohti."

"Tridx nghoddu mill-gdid il-flus li ghandek?"

Tani dak kollu li kellu u minghajr ma seta' jinduna zerzaqt xi flus minn tieghi biex jithalltu ma' tieghu. It-tifel ghaddhom u sab li kellu hafna aktar milli ried u f'ghajta ta' ferh irringrazzja lil Gesu. "Grazzi Gesu' talli tajtni flus bizzejjed biex nixtri dil-pupa ghal ohti." U dar lejja u qalli "Gesu' sema' talbi"

"Xtaqt nitolbu xi ftit aktar biex nixtri warda bajda ghal ommi imma qaghadt pass lura, izda issa tani bizzejjed biex nixtri warda bajda wkoll. Il-ward abjad thobbhom hafna." Zijtu waslet mill-gdid u haditu maghha lejn id-dar. Id-dwejjaq li kelli meta bdejt nixtri r-rigali mbidel f'ferh u fija kien jirrenja spirtu ta' paci differenti minn dak li bdejt bih.

Hekk kif kont sejjer lejn id-dar ftakart li xi jiem qabel qrajt fil-gazzetti grajja ta' sewwieq xurban li laqat omm u tifla. Lil ta' l-ahhar qatilha, mewt mad-daqqa, u lil ommha tefaghha f'koma li minn ma stejqret qatt. Ma nahsibx li dan it-tifel kellu x'jaqsam ma' din il-grajja. Jumejn wara dak li sehh fil-hanut qrajt li t- tobba qatghu jieshom li l-omm ser tfieq u tigi f'sensieha u ghalhekk nehhewlha l-magni tal-hajja. Il-mara mietet. Forsi t- tifel u l-omm kellhom x'jaqsmu ma' xulxin f'din il-grajja. Jekk inhu hekk, minn jaf lahaqx ta' il-warda u l-pupa lil ommu.?

Kien x'kien mort fl-eqreb hanut tal-fjuri u xtrajt bukkett ward abjad biex niehdu ghall-funeral ta' dik il-mara li tilfet hajjitha fl-incident. L-istampa ta' tifel, il-pupa u l-warda bajda kienu mqieghda fuq it-tebut f'nofs ta' knisja lest ghall-quddiesa funebri qabel id-difna. L-imhabba li kellu dak it-tifel ghal ommu kienet xi haga li tghaggeb. Fi ftit sekondi dak is-sewwieq biddel il-hajja tat-tifel u kissirlu kull tama ghall-futur.

Ahna nghixu b'dak li naqilghu imma nibdlu hajja minn dak li naghtu.